MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 648/2004

**APS Bank Limited (C2192)**

**vs**

**Joseph Micallef u martu Rose Micallef**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li biha is-socjeta' attrici:

Permezz ta' kuntratt fl-atti ta' Nutar Herbert Cassar tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) (Dok A), il-Bank attur kien ikkonceda lill-konvenuti, b'titolu ta' self, is-somma ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000) taht il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt ta' self.

Il-bilanc ta’ debitu ta’ l-imsemmija facilita’ ta’ self illum jammonta ghas-somma ta’ erba’ t’elef sitt mija u seba’ u hamsin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm4657.81) dovuti kwantu ghas-somma ta’ erba’ t’elef erba’ mija disa’ u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm4,459.75) bhala bilanc ta’ debitu ta’ *‘Loan account’* numru 12179732013 (Dok B) u *kwantu* ghas-somma ta’ mija tmienja u disghin lira u sitt centezmu (Lm198.06) bhala bilanc ta’ debitu ta’ *‘Interest Disposal Account’* numru 20000138492 (Dok C), u dana *oltre* l-imghax ulterjuri b’effett mit-30 ta’ Gunju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti huma ukoll debituri tas-socjeta’ attrici tas-somma ta’ tlett t’elef tlett mija sitta u tletin lira u sitta u hamsin centezmu (Lm3,336.56) rapprezentanti bilanc ta’ debitu ta’ facilita’ ta’ *‘overdraft’* moghtija mill-Bank attur lill-konvenuti, dovuta kwantu ghas-somma ta’ tlett t’elef mija tmienja u ghoxrin lira u seba’ u tletin centezmu (Lm3,128.37) bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru 12179730011 (Dok D) u kwantu ghas-somma ta’ mitejn u tmien liri u dsatax il-centezmu (Lm208.19) bhala bilanc ta’ debitu ta’ *‘Interest Disposal Account’* numru 20000138481 (Dok E) u dana *oltre* l-imghax ulterjuri b’effett mit-30 ta’ Gunju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Ghalhekk il-konvenuti, b’mod solidali bejniethom, huma debituri tas-socjeta’ attrici fis-somma komplessiva ta’ seba’ t’elef disa’ mija erba’ u disghin lira u seba’ u tletin centezmu (Lm7,994.37) *oltre* l-imghax ulterjuri b’effett mit-30 ta’ Gunju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-imsemmi debitu anke permezz ta’ ittra ufficcjali datata 20 ta’ Frar, 2004, izda baqghu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1) Tiddikjara illi l-konvenuti, b’mod solidali bejniethom, huma debituri tas-socjeta’ attrici tas-somma ta’ seba’ t’elef

disa’ mija erba’ u disghin lira u seba’ u tletin centezmu (Lm7,994.37) u dana *oltre* l-imghax ulterjuri b’effett mit-30 ta’ Gunju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

2) Tikkundanna lill-konvenuti, b’mod solidali bejniethom, ihallsu lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ seba’ t’elef disa’ mija erba’ u disghin lira u seba’ u tletin centezmu (Lm7,994.37).

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti *‘in solidum’* inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-imghax ulterjuri b’effett mill-30 ta’ Gunju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti *‘in solidum’* mil-llum ingunti ghas-subuzzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-noti tas-socjeta’ attrici li biha rriducew it-talba b’Lm4,188.47 *stante* pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-konvenuti li biha ammettew t-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici limitatament ghas-somma ta’ Lm3,805.90 u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------